## IT-TARBIJA

*Is-safa żahrija fuq wiċċha,*
*u l-ħmura tal-qroll fuq xufftejha,*
*mis-sbula deħbija xuxitha,*
*u s-seħer tal-kwiekeb f'għajnejha.*

*Ar'ha! kemm hi ħelwa fin-nieqa,*
*titbissem u tferfer idejha,*
*għajnejha iżebbġu fuq ommha*
*imgħaxxqa bil-wieqfa ħemm ħdejha.*

*Tgħannilha bil-ħlewwa biex torqod,*
*tħanninha b'leħinha bekkej;*
*daqqiet jieħu xejra fil-għoli*
*imbagħ'd jibqa' jeħla fix-xej!*

*Il-ħlewwa għaslija tal-għanja*
*u r-ritmu meqjus tal-benniena*
*ħassejthom jhennuha, jxaħxħuha;*
*iss'għalqet għajnejha lubiena.*

*Ar'ha! kemm hi ħelwa fin-nieqa,*
*għajnejha ċkejknin magħluqin*
*wiċċh' għandu mill-ħlewwa ta' l-Anġli,*
*idejha imgħaqqda f'xulxin.*

*Ar'issa x'titbissem... qed toħlom?*
*min jaf xi ġmiel smewwi, x'debriet?*
*tgħid l-Anġli iduru madwarha*
*w jgħannulha tas-sema l-għanjiet?*

*Ar'ha! kemm hi ħelwa fin-nieqa,*
*għajnejha ċkejknin magħluqin,*
*wiċċh' għandu mill-għaxqa ta' l-Anġli,*
*idejha imgħaqqda f'xulxin.*

*Seminarju,* 1954 Paul Caruana

Għamil tajjeb onqxu fil-ġebel, għamil ħażin fir-ramel. (Qawl Estonjan)